MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 185/2003/1

**Onorevoli John Dalli**

**vs**

**Frans Ghirxi**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mill-attur nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Marzu 2003 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248, tiffissa bhala danni 'n riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra bil-pubblikazjoni ta' riklam a fol. 3 tas-suppliment ta' "L-Orizzont" tal-hamsa

(25) ta’ Marzu 2003, li tieghu huwa editur, liema pubblikazzjoni ghandha l-ghan li ttellef u tnaqqas ir-reputazzjoni tal-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi fir-reklam imsemmi fl-avviz ma hemm ebda ngurja vis a vis l-attur;

2. Salv eccezzjonijiet permessi mill-ligi.

Illi nhar it-tlieta (3) ta’ Marzu 2004 xehed l-**Onorevoli John Dalli** fejn spjega li waqt l-Elezzjoni kienu dehru *billboards* f’inhawi ta’ Malta li kienu riprodotti f’*site* fuq internet tal-Malta Labour Party kif ukoll riprodotti fl-gurnat ‘L-Orizzont’ fejn kien hemm il-figura tieghu u l-figura tal-Onor. Prim Ministru taht l-intestatura “*Fejn marru l-miljuni?*” Illi ilkoll jispecifikaw illi huwa kien involut f’xi attivita hazina li ggenrat il-miljuni, u li n-nies qieghdin jghidu “*fejn marru?*” naturalment kulhadd imbaghad jifhem li sar xi abbuz.

Jghid li fuq l-HSBC kien hemm ukoll kaz simili li huwa ha l-Qorti, liema kaz pero gie deciz. Jghid li l-biegh tal-HSBC sar bi procedura quddiem il-Public Accounts Committee illi kien studja l-kaz qabel ma sar il-kuntratt tal-biegh.

Dwar il-kwistjoni tad-‘Daewood’, ighid li huwa qal f’diversi okkazjonijiet li fi zmien il-Gvern Laburista, ic-Chairman tal-BOV kien ta *loans* lis-socjeta ‘Daewoood’ li mbaghad marru hazin. Jghid li c-Chairman, kien gie nominat mill-Gvern Laburista.

Jghid li wkoll fir-rigward tal-Isptar Mater Dei, huwa ghandu diversi libelli pendenti. Jghid li r-ritratt kif inhu, fil-fehma tieghu, jitfa dell fuq l-integrita

tieghu. Mistoqsi xi jfisser ghalih il-punt interogattiv fir-reklam, ighid li ghalih ifisser li hemm xi haga hazina fl-operat tieghu u dan huwa jichdu. Ghalih fir-ritratt hemm zewg persuni hemm dak tieghu u dak tal-Onorevoli Prim Ministru, l-persuna l-ohra hija biss figura ta' persuna li mhix identifikata. Mistoqsi jekk l-isptar giex jiswa aktar minn l-ammont li kien gie progettat, jghid li maz-zmien inbidlu l-i*specifications* w ghalhekk sewa' aktar.

Jghid pero li l-intimazzjoni li jrid jaghti dan ir-reklam, mhux li saret xi nefqa ikbar minn dik li kienet prospettata, izda illi huwa ghamel xi haga hazina. Mistoqsi jekk l-isptar effettivament zdiet fl-istima tieghu minn tmenin miljun ghal mitejn miljun, jghid li kellu jgib ic-cifra ezatt fis-seduta li kienet ser issegwi. Jghid li hi kemm hi c-cifra din giet rikonciljata.

Jghid li jaqbel li kien hemm kritika dwar kif effettivament inbiegh l-bank HSBC fis-sens li kien inbiegh bi prezz baxx u jghid li l-kritika saret mill-istess nies li ghamlu r-reklam in kwistjoni. Jghid li kien hemm ukoll xi kritika fuq ir-radio fejn kien intqal li kien hemm xi flus li setghu marru xi imkien iehor. Huwa kien ghamel libel u fil-fatt dan kien gie deciz favur tieghu. Jaqbel li dwar il-kaz tad-'Daewood' kien hemm kritika fis-sens li l-Bank of Valletta kien tilef is-somma ta' sebgha miljuni w nofs. Pero hadd ma ghamel xi kritika personali fil-konfront tieghu. Jghid ukoll illi huwa veru li l-Partit Laburista kien talab li ssir xi inkjesta dwar dan il-kaz, pero huwa hass li din l-inkjesta kellha tinzamm mill-Bank jew mill-MFSA. Mistoqsi jekk kienx hemm xi talba mix-*shareholders* tal-Mid Med sabiex issir investigazzjoni, jghid li ma jafx.

Rat in-nota ta' l-attur prezentata fl-atti nhar il-hmistax (15) t'Ottubru 2007 li permezz taghha huwa esebixxa certifikat tar-Registratur ta' l-Istampa li tindika li dakinhar tal-publikazzjoni tal-

gazetta, fejn deher ir-reklam mertu tal-kawza, l-konvenut kien l-editur.

Rat in-nota tal-konvenut pprezentata nhar it-tnax (12) ta’ Novembru 2007 li permezz taghha huwa esebixxa numru t’artikoli li gew immarkati komplessivament bhala Dok. FG.

Rat l-affidavit tal-konvenut ipprezentat fl-atti nhar it-tmienja (8) ta’ Frar 2008 fejn spjega s-segwenti:-

1. Illi meta huwa bhala editur tal-gurnal ‘L-Orizzont’ accetta li jxandar ir-reklam li dwaru saret il-kawza odjerna hu ma ra xejn li jmur kontra l-ligi f’socjeta hielsa u demokratika. Socjeta li, wara l-Att X tal-1996, saret tirrikonoxxi b’mod specifiku r-rwol tal-medja f’socjeta demokratika u l-esponet dejjem qies li kien dmiru li jwassal lill-qarreja ahbarijiet u fehmiet u jpoggsi ghall-attensjoni tal-qarrejja, dak li kien almenu skond hu, qed jippreokkupa l-poplu.

2. Illi dwar is-suggett: ‘Trasferiment tal-Mid Med Bank lill-HSBC’, ‘falliment tad-‘Daewood’ u ‘l-bini tal-isptar Mater Dei bi spiza dejjem tiela u data ta’ tlestija qatt mhi certa’ kien hemm fil-pajjiz dibattitu kontinwu, min jesprimi fehma u min jesprimi ohra, kollox jinvolvi l-miljuni.

3. Il-persuni direttament involuti f’dan kollu kien il-Ministru tal-Finanzi u l-Prim Ministru.

4. F’dak li huwa xandar ma kien qed jara xejn iktar jew inqas minn talba ghal aktar taghrif.

5. Fl-ahhar mill-ahhar huwa dejjem qies il-principju gwida fix-xoghol tieghu tal-gurnalista, hu li bejn diversi interpretazzjonijiet, qatt mhu legittimu li tqis l-aghar wahda, dik l-iktar imgebda, dik li tikkoncidi mal-hsieb hazin jew biza li jkollu dak li jkun, bhala l-unika interpretazzjoni.

6. Huwa ghalhekk hass li kellu igib dan ir-reklam bhala parti mid-dibattitu li kien ghaddej; dibatttitu li kulhadd kien jaf bih.

7. Jghid li ma ra xejn hazin illi jigi mistoqsi il-Finanzi tal-pajjiz, setghux imorru ahjar minn diversi lati.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-konvenut ighid fl-eccezzjonijiet tieghu li:-

"*Meta huwa, bhala editur tal-gurnal 'L-Orizzont' accetta li jxandar ir-reklam li dwaru saret il-kawza odjerna, hu ma ra xejn li jmur kontra l-ligi f'socjeta hielsa w demokratika, socjeta, li wara l-Att X tal-1996, saret tirrikonoxxi b'mod specifiku r-rwol tal-medja f'socjeta demokratika u l-esponent dejjem qies li kien dmiru li jwassal lill-qarrejja ahbarijiet u fehmiet u jpoggi ghall-attensjoni tal-qarrejja dak li kien almenu skond hu qed jippreokkupa l-poplu*."

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tghid kelmtejn dwar x'inhu ir-rwol tal-editur fis-sens ta, x'parametri ghandu disponibbli ghalih sabiex jippubblika artikolu jew reklam fil-gurnal tieghu, minghajr ma jirfes fuq id-drittijiet tal-individwu li huwa ghandu li ma jkollux l-unur tieghu pregudikat.

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fosthom **"<u>Marin Hili vs Felix Agius</u>" (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. tlieta (3) ta' Dicembru 1998), **"<u>Ernest Tonna vs Felix Agius</u>" (**Citaz. Numru 1755/97/RCP. – P.A. wiehed w ghoxrin (21) t'April 1999) **u "<u>Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra</u>"** (Citaz. Numru 1739/98/RCP- P.A. l-ewwel (1) ta' Lulju 1999)**, u "<u>Rev. Joseph Borg vs Felix Agius</u>" (**Citaz. Numru 1840/97/RPC- P.A**. erbatax**

**(**14) t'Ottubru 1999), kif **wkoll "Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-sbatax (17) ta' Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP), fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta` ta' espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji illum stabbiliti, jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti, huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. hmistax (15) ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.). Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu w anke jaghti l-gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni m' ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri. Ineffetti, fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. dsatax (19) ta' Jannar 1996.) jinghad li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda llum stabbilita fil-

giurisprudenza taghna. (***Cit Nru: 11/98/RCP 24 ta' Jannar 2002 (RCP).***

*"F'materja t'ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat, irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru."* **(<u>Reginald Miller vs Harold Scory</u> -**XXXVI.IV.843.).

Illi jehtieg li jsir ezami sabiex jigi stabilit dak li bniedem ordinarju fehem b'dak li gie rapurtat mill-editur, u dan fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("<u>Jones vs Skelton</u>"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati**. ("<u>Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine</u>".** A.C. tmienja (8) ta' Gunju 1999). Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "*innuendo"* li fil-kawza "**<u>G. Strickland vs Goffredo Chretien</u>"** (A.C. tnax (12) ta' Frar 1937, XXIX.I.859) giet imfissra hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ngurjata tirrevoka mill-kitba nkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".*

Fil-kawza **"<u>Il-Pulizija vs. Joseph Olivieru Munroe</u>" (**XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*"F'materja t'ingurja permezz tal-istampa, l-ingurja tista'tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' ikun ta'zewg xorta jigifieri:* (a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li matkunx issemiet b'isimha, u* (b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran u f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej."* **("<u>Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et</u>."** P.A.H. tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li jigi innotat dak li intqal fis-sentenza **"<u>Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus</u>"** (A.C. erbgha (4) ta' Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikolu sar parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna iridu jiehdu 'n konsiderazzjoni l-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, stante li llum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47(7)** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f'dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi fil-kawza **"<u>Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et</u>"** (A.C. tmienja (8) ta' Novembru

1995**)** intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *"il-margini ta' tollerenza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja", "dan li il-Qorti ghandha tippermetti l'atitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta' demokratika",* u tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija ndirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta` pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi "**John Zammit vs Felix Agius**" (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-hmistax (15) ta' Marzu 2001, kif ukoll f' "**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 122/99/RCP), "**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et"** (Cit Nru 123/99/RCP), "**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**" (Cit Nru 129/99/RCP) u "**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima"** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-tlieta (3) t'Ottubru 2000.

Illi din il-kawza titratta dwar reklam li deher fil-gurnal 'L-Orizzont' nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Marzu 2003, li tieghu l-konvenut Felix Agius huwa l-Editur, kif jidher mid-dokument esebit fl-atti mahrug mir-Registratur ta' l-Istampa. F'dan ir-reklam hemm ritratt tal-Onorevoli John Dalli miexi bil-*brief case* tieghu li juza f'dak il-jum meta jkun ser jigi pprezentat il-*budget* fil-Parlament magemb l-Onorevoli Prim Ministru u terza persuna mhux konoxxuta u ma gembhom hemm punt interogativ bil-kliem '*fejn marru l-miljuni?*'. Hemm ukoll il-kliem 'Daewood', 'HSBC' u 'Sptar Mater Dei'.

Il-Pubbliku jaf li f'dawn it-tlett progetti kien hemm il-miljuni nvoluti, li kien hemm hafna diskors dwar jekk il-flejjes kollha li hareg il-Gvern, marrux

sabiex ihallsu d-djun ta' dawn il-progetti. M'hemmx dubbju li tali reklam ried iwassal messagg lil pubbliku li l-attur kif ukoll l-Onorevoli Prim Ministru jafu li kien hemm xi habi ta' flus jew li kien hemm somom kbar ta flus li jew gew mehuda minnhom jew li marru f'idejn persuni maghrufa minnhom. M'hemmx dubbju li dak huwa il-messagg li ried jaghti l-editur meta ippublika tali reklam.

Il-Qorti ma tiddubitax li l-editur xtaq izomm bilanc bejn id-dritt tas-socjeta li tkun taf x'inhu ghaddej fil-pajjiz, pero huwa u jghamel hekk, ecceda id-drittijiet tieghu billi mmalafama lill-attur w attribwielu fatti li ma kienux minnhom jew addirittura, ma gewx pruvati f'din il-kawza.

Illi huwa veru li l-istess konvenut qed jallega li kull m'ghamel, kien li ikkummenta fuq dak li kien ghaddej fil-pajjiz, tant li anke esebixxa dokument li ndika d-diversi artikoli li inkitbu fuq il-materja, pero jidher car li l-editur gibed certu konkluzjonijiet li ghamilhom tieghu. Anke kieku fl-ipotesi li l-editur qal li l-informazzjoni li ppubblika gabha minn artikolu iehor, kien ikun ghamel hazin f'ghajnejn il-ligi.

Illi infatti fis-sentenza **"Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (P.A. (RCP) l-ewwel (1) ta' Lulju 1999) inghad:-

*"Illi l-konvenut gab bhala skuzanti l-fatt li l-kontenut ta' l-artiklu 'n kwistjoni gie mehud minn informazzjoni pubblikata f'gurnal iehor; u li disdetta tal-fatt allegat giet ippubblikata ftit granet wara. Illi pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-fatt li l-kontenut tal-artikolu gie mehud minn informazzjoni f' gurnal iehor, mhux talli mhiex skuzanti izda hija prova ta' nuqqas ta' gurnalizmu serju u professjonali".*

Illi huwa opportun li jigi ccarat li anke jekk l-istess editur tal-reklam rekriminat qed isostni li huwa qatt ma kellu ntenzjoni li jimmalafama lill-istess attur, jekk mill-fatti kif minnu prezentanti fl-istess kitba jirrizulta li huwa qed jaghmel allegazzjonijiet ta' fatt fuq l-attur, liema allegazzjonijiet ta' agir da parte tal-attur jirrizultaw li ma humiex veri, u li l-istess fatti attribwiti lill-istess attur huma dannuzi ghall-karattru u reputazzjoni tieghu, iktar w iktar f'dan il-kaz, meta l-istess konvenut irrefera ghall-operat tal-attur fil-kwalita` professjonali tieghu ta' Ministru tal-Finanzi, mela allura l-intenzjoni li timmalafama tirrizulta pruvata mir-reklam nnifsu.

Illi dan huwa kkonfermat f'dak li nghad fis-sentenza **"Patrick Calleja vs Charles Demicoli"** (P.A. RCP. Sebgha (7) ta' Dicembru 2000) fejn gie affermat il-principju konsistenti ma'dak li nghad iktar il-fuq li:-

*"The law looks at the tendency and the consequences of the publication, not at the intention of the publisher, if he has published words which have in fact injured the plaintiff's reputation he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act"* **(*Odgers The Law of Libel and Slander, 6K Ed. P.97)* ("Edgar Bonnici Cachia vs L-avukat Dr. Michael Frendo" -** P.A. F. sebgha w ghoxrin (27) t'April 1989 - LXXIII. Iii. 792**).**

Illi apparti dan, id-difiza tal-istess konvenut hija limitata biss ghal dak li kellu f'mohhu hu. Huwa m'ghamel l-ebda tentattiv jghid jew jispjega x'ried ifisser bir-reklam li rreklama.

Illi ghaldaqstant isegwi li dan r-reklam kien tentattiv serju sabiex tigi attakkata serjament l-integrita` u r-reputazzjoni tal-attur, specjalment meta jittiehdu 'n konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz u li l-allegazjonijiet saru fil-konfront tal-attur fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu.

**LIKWIDAZZJONI**

Ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**Artikolu 28(1) tal-Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta' hames t'elef Lira Maltija (Lm5,000) (vide "**<u>Ernest Tonna vs Felix Agius</u>**" – Citazzjoni Numru 1755/97/RCP – wiehed w ghoxrin (21) t'April 1999) u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-gravita` tieghu kif premess, il-Qorti tiffissa d-danni fl-ammont ta' tlett elef euro (€3,000)**.**

KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-istess konvenut immalafama lill-attur bir-reklam "*Fejn marru l-miljuni?*";

2. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenut ihallas lill-attur, l-ammont ta' tlett elef euro (€3000) li qed jigu likwidati minn dina l-Qorti ghal dan l-iskop ghat-tenur tal-artikolu 28(1) Kap 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**"**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju kontestanti lill-ewwel Qorti l-kostruzzjoni forzuza minnha prospettata illi r-reklam ippubblikat kellu mill-attribut ta' korruzzjoni versu l-attur. Huwa jissottometti illi dak ir-reklam kellu minn natura ta' kritika jew ta' osservazzjoni fuq spiza mhux bil-ghaqal, spiza aktar milli mistenni, tnehhija ta' bank b'irhis, inkompetenza fl-amministrazzjoni ta' flus il-poplu u tberbiq zejjed. Ghall-appellanti din ma kienetx xilja univoka ta' korruzzjoni;

Mhux l-istess hi l-veduta ta' l-attur fejn fir-risposta ta' l-appell tieghu jidentifika minn dak l-istess reklam qaghda li,

ghall-qarrej ordinarju, tinferixxi li l-miljuni, dwar liema sar il-punt interrogattiv, marru fil-bagoll li, skond l-istampat, kien qed jingarr minnu. Dan l-appellat jghidu biex jorbot ma' dak depost minnu (fol. 16 *et sequitur*) illi, fuq il-fehma tieghu, ir-reklam kien intimazzjoni li hu ghamel xi haga hazina u mhux li saret xi nefqa aktar minn dik prospettata;

Huwa evidenti minn dawn iz-zewg veduti illi dak li jrid jigi ezaminat huwa jekk ir-reklam inkriminat kienx intiz fis-sens wiehed jew l-iehor, u, cjoe, li jattakka l-kompetenza politika u l-kapacita` finanzjarja ta' l-attur fil-vesti tieghu ta' Ministru tal-Finanzi kif hekk kien dak iz-zmien jew, invece kellux il-finalita` li, a norma tal-ligi (Artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Istampa), jilledi l-integrita` u l-onesta tieghu;

Hu konswet, taht l-influwenzi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni f'materja ko-involgenti konflitti bejn l-istampat u d-dritt fundamentali tal-liberta ta' l-espressjoni, illi spiss drabi l-Qrati jirrikorru ghal kazistika tal-Qorti Ewropeja biex jiddefenixxu l-ezercizzju tal-kritika fil-konfront ta' persuna pubblika jew fil-politika u r-rwol tal-gurnalist. Ara ad ezempju, "**Perit Dominku Mintoff -vs- Dr. Joe Brincat *et***", Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Jannar, 2001. F'dan, almenu ghal din il-Qorti ma hemm xejn gdid. Ir-ricerka fil-massa tal-gurisprudenza lokali fuq is-suggett tipprovdi illi gja qabel l-izviluppi koncettwali ta' dawn l-ahhar zmenijiet, il-gudikanti tal-Qrati taghna moghnija b'dehen progressiv kienu similment jahsbu fuq l-istess binarju. Dan 'il fuq sew minn nofs seklu ilu billi sa minn zmenijiet imbeghda gie ritenut illi "l-attur bhala persuna li jokkupa karika politika ghandu jaf li hu espost ghall-kritika ta' dak kollu li jaghmel, f'dik il-kwalita`, purche tkun ragonevoli", u li, "hija haga notorja illi wiehed mid-doveri tal-gurnal huwa precizament dak li jaghmel kritika serja u ragonevoli tal-kondotta politika ta' funzjonarji pubblici, u dan sabiex jistghu jkunu repressi l-abbuzi u sabiex dawk il-funzjonarji joqghodu attenti biex jaghmlu d-doveri taghhom sewwa u dana fl-interess tal-pubbliku. Id-dottrina u l-gurisprudenza huma konkordi f'dan is-sens." (Ara "**Onor. Gerald Lord**

**Strickland -vs- Avv. Dottor Enrico Mizzi**", Appell Civili, 25 ta' April, 1938;

Tabilhaqq ma hemm xejn gdid taht il-kappa tax-xemx f'dak riskontrat fid-decizonijiet tal-Qorti Ewropeja ghax ukoll qabel id-decizjoni appena citata kien gie osservat mill-Qrati taghna illi "*può 'a priori' ritenersi avere minore gravezza le contumelie di cui talvolta si infarciscono le pubblicazioni giornalistiche di cui si alimenta la vita pubblica del nostro, come d'ogni altro paese, appunto per la grande latitudine che suolsi accordare alla stampa come efficace mezzo di sindacato dell'agire dei pubblici funzionari e degli eletti del popolo a rappresentarlo nella pubblica cosa, e per l'intento che si prefigge lo scrittore di servire al pubblico bene.*" Ara "**Sir Gerald Strickland -vs- Professor Rev. Don Enrico Dandria, Direttore del giornale 'Il Popolo di Malta'**", Prim' Awla, Qorti Civili per Imhallef Sir Arturo Mercieca, 9 ta' April, 1923;

Ipprecizat dan, jinzel mill-enuncjazzjonijiet f'dawn is-sentenzi ta' l-imghoddi illi, bhal fil-prezenti, id-dritt tal-kritika jibqa' ezercitat b'mod legittimu anke fejn il-kliem ikunu pungenti u horox, bosta, s'intendi, li jkunu marbuta ma' fatti u gudizzji espressi, u kongruwenti ghall-polemika li tkun "in korso". Il-kritika politika hi, imbaghad, b'mod partikolari u minn natura taghha karatterizzata mill-asprezza tat-ton. L-importanti jibqa' dejjem illi anke f'din it-tip ta' kritika id-dizapprovazzjoni ma titrasmodax f'attakk personali "*con cui intende colpire la sfera privata dell'offeso e non sconfini nell'ingiurie, nella contumelia e nella lesione della reputazione dell'avversario*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana**, 27 ta' Gunju, 2000, Numru 8733). Ghall-istess konkluzjoni jaslu l-Qrati taghna, kif ahjar illustrat f'sentenzi bhal "**Il-Pulizija -vs- Dr. Carmelo Caruana *et***", Appell Kriminali, 14 ta' Awissu, 1958 u "**Onor. Dr. Gavin Gulia -vs- Dione Borg *et***", Appell, 7 ta' Lulju, 2006, fost bosta ohrajn;

Wisq ragonevolment sew il-gurisprudenza kif ukoll id-dottrina fuq din it-tematika jinsenjaw illi "*comunque, nel valutare la portata offensiva di una frase, e l'eventuale scriminante del diritto di critica politica, il giudice non puo` non tenere conto dell'occasione che determina la ragione critica, e della situazione storico-politica complessiva*", Ara sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** tal-15 ta' Marzu, 2001 riportata wkoll fil-**Franzoni "Le obbligazione da fatto illecito",** Ed. Utet, 2002, pagna 182;

Affermat il-premess, jidher minn ezami tar-reklam riportat illi l-konvenut illimita ruhu li jxandar il-punt interrogattiv "Fejn marru l-Miljuni?"  Dan b'konnessjoni mal-kazijiet tal-HSBC, id-Daewoo u l-Isptar tal-Qroqq, anke jekk flimkien ma' riproduzzjoni tar-ritratti ta' l-attur, tal-Prim Ministru, l-allura Dr. Eddie Fenech Adami, u "*silhouette*" ta' persuna mhix raffigurata.  Kif gja nghad, l-attur hassu offiz b'dan l-istampat ghaliex, skond hu, dan kien jikkonnetti jew jinsinwa illi hu kellu "*mano in pasta*" fl-affari tal-miljuni sparpaljati f'dawk l-azjendi u istitut.  L-ewwel Qorti qablet mieghu u dan wara li rragunat illi l-konvenut ma ghamel ebda tentattiv biex ighid jew jispjega x'ried ifisser bir-reklam ippubblikat;

Rispettosament, din il-Qorti ma taqbelx mar-ragonament u l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, u dan in vista tar-riljevi u konsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) Mhux eskluz illi l-kontenut tar-reklam, allegatament offensiv, u b'dik ir-rapprezentazzjoni kien f'dak il-mument storiku-politiku (2003) parti integrali minn dibattitu vivaci fuq it-tema tal-finanzi pubblici u dik tal-kontroll u l-amministrazzjoni taghhom.  Lanqas ma hu mqieghed fid-dubju illi, ghall-attwalita` tieghu, is-soggett partikolari kien ta' rilevanza pubblika ghall-iskop informattiv tal-qarrejja tal-gurnal;

(2) Huwa, imbaghad, ragonevoli illi l-mistoqsija dwar il-kazijiet surreferiti tigi mqeghda lil min, skond il-

kariga rapprezentativa u ufficcjali tieghu, kellu r-responsabilita` tal-finanzi tal-pajjiz. Jekk xejn, ghall-otteniment ta’ taghrif jew skjarimenti dwarhom. Wara kollox, kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet “**Avv. Dr. Francesco Masini -vs- Avv. Augusto Bartolo *et***”, Appell Civili, 5 ta’ Ottubru, 1928, b’citazzjoni mill-**Odgers** (“**Digest of Libel and Slander**”, Ed. 1911 p. 193), “*it is regarded in some measure the duty of the press to watch narrowly the conduct of all government officials, and the working of all public institutions to comment freely on all matters which concern the nation and fearlessly to expose abuse should any be found to exist*”;

(3) Oggettivament, u skond il-logika koncettwali, ir-reklam ma hu rivestit minn ebda gravita specjali, u lanqas jista’ jigi minnu possibilment insinwat finijiet sekondarji jew ulterjuri fuq l-unur u l-fama ta’ l-appellat. Huwa minnu illi l-ebda stampat ma jista’ jinftiehem skond l-intenzjoni unilaterali ta’ min jippubblikah imma daqstant iehor huwa car fil-kaz in ispecje illi l-effett generali tar-reklam fuq il-qarrej, kif johrog mill-kumpless tieghu, ma huwiex bilfors dak ikkoncepit mill-appellat ta’ xi imputazzjoni ta’ att abusiv kommess minnu;

(4) *Ex facie* ir-reklam, din il-Qorti hi ta’ l-opinjoni illi ma gie attribwit ebda fatt determinanti ta’ xi koinvolgiment personali negattiv mill-attur fl-affari ta’ dawk il-kazijiet. Dan la b’mod dirett jew indirett. *Ictu oculi* l-interpretazzjoni akkordata mill-attur, kemm fix-xhieda tieghu kif ukoll fir-risposta ta’ l-appell tieghu ma hi xejn univoka fis-sens li wasal ghaliha hu. Dan lanqas bil-metru tal-qarrej ordinarju u ta’ intelligenza normali meta jaqra dak ir-reklam u b’dak li l-awturi jsejhu *unbiased mind*. Ara **Gatley**, “**On Libel and Slander**”;

(5) Sostanzjalment, ma jistax jinghad illi r-reklam mhux fil-limiti gusti u b’dik il-forma civili u bona fide fl-esposizzjoni tal-mistqosija improntata ghall-konsegwiment ta’ kjarezza minghand il-persuni fih raffigurati, in kwantu soggetti politikament responsabbli biex jikkolmaw il-vojt ghal dik l-istess mistqosija;

(6) Taht dan il-profil is-sanzjoni penalistika imposta mill-ewwel Qorti ma kienx hemm lokha fic-cirkustanzi. Forsi wkoll mhux inopportun illi in konkluzjoni wiehed ifakkar illi l-margini ta’ valutazzjoni li jinvolvi ndhil mad-dritt ta’ l-espressjoni hielsa ghandu jigi kostitwit ristrettivament f’materja dibattuta ta’ indoli politika, anke ghaliex, kif fakkret il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz “**Lombardo and others -vs- Malta**”, 24 ta’ April, 2007, “*there is little scope under Article 10 para. 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest*” (ara “**Surek -vs-Turkey**”, (No. 1 [KC], no. 26682/95, para. 61, ECHR 1999-IV).

Ghal konsiderazzjonijiet kollha predetti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, thassar ghal kollox is-sentenza appellata, b’dan li l-ispejjez gudizzjarji relattivi taz-zewg istanzi, jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------